A.L. 441 ta' l-2003

ATT DWAR IL-KUMPANNIJI
(KAP. 386)

Regolamenti ta' l-2003 dwar Kumpanniji ta' Investiment b'Kapital Azzjonarju Varjabbli bħala Fondi għal Min Jirtira

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 84 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji, il-Ministru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi, fuq parir tal-Awtorità Maltija għal Servizzi Finanzjarji, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Isem u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2003 dwar Kumpanniji ta' Investiment b'Kapital Azzjonarju Varjabbli bħala Fondi għal Min Jirtira**.**

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2004.

Applikabbilita' ta' A.L.102 ta' l-1996.

2. Id-disposizzjonijiet tar-Regolamenti ta' l-1996 dwar Kumpanniji ta' Investiment b'Kapital ta' Azzjonarju Varjabbli skond l-Att dwar il-Kumpanniji, hawn iżjed 'il quddiem imsejjħa "ir-regolamenti prinċipali'', għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal kumpanniji ta' investiment b'kapital azzjonarju varjabbli stabbiliti bil-għan li jaġixxu u joperaw bħala Fondi għal min Jirtira skond kif imfisser fl-artikoli 2 u 4 ta' l-Att li jirregola Fondi Speċjali, bla ħsara għal dawn l-eċċezzjonijiet u l-kwalifiki li ġejjin:

Kap. 450.

(a) riferenzi għal "Awtorità Kompetenti'' għandhom jitqiesu bħala riferenzi għall-Awtorità skond l-Att li jirregola Fondi Speċjali;

(b) riferenzi għal "SICAV'' għandhom jitqiesu bħala riferenzi għal kumpannija ta' investiment b'kapital azzjonarju varjabbli debitament reġistrata skond is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att li jirregola Fondi Speċjali;

(ċ) b'referenza għas-subregolament (1) tar-regolament 7, u minkejja d-disposizzjonijiet ta' dak is-subregolament, l-Awtorità għandha teħtieġ li kumpannija ta' investiment b'kapital azzjonarju

varjabbli, debitament reġistrata bħala fond għal min jirtira għal finijiet tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att li jirregola Fondi Speċjali, iżżomm l-attiv u l-passiv ta' kull sottofond kompriż f'dik il-kumpannija bħala patrimonju separat mill-attiv u l-passiv ta' kull sottofond ieħor ta' dik il-kumpannija, u d-disposizzjonijiet ta' l-imsemmi regolament għandhom jiftiehmu u jiġu applikati f'dan is-sens, u referenzi fis-subregolament (1) għall-kliem "tista'", "tagħżel", u l-"għażla" għandhom, għal dawn il-finijiet, jiftiehmu bħala referenza għal rekwiżit mandatorju u

(d) regolament 8 tar-regolamenti prinċipali u t-tifsira "*manager* liċenzjat'' fir-regolament 2 tagħhom, ma għandhomx ikunu japplikaw.